# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **11** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 22 ta' Ottubru 2013 fis-6.00p.m.**

## L-EwwelSeduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B. Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 10.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 10(1) tal-24 ta' Settembru 2013:**

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.**

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-6.05p.m***

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 10(1) tal-24 ta' Settembru 2013:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi rigward l-artiklu #3.1 ta' paġna 3, l-ewwel paragrafu huwa spjega li dawn it-tip ta' arbli qegħdin madwar Malta kollha, iżda bagħtna ittra xorta lill-Enemalta sabiex isir *barrier* quddiem dawn l-arbli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu kien qal li hemm bżonn li jsir dan il-*barrier* għaliex jekk ikun hemm aċċident jista` jkun fatali.

Is-Sindku staqsa jekk minflokk *crash barriers* jistgħux isiru *bollards*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hemm strutturi apposta u dawn isiru min-naħa tal-Enemalta.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt #3.12 ta' paġna 7, jekk dawn il-fanali humiex il-fanali li kien ġab *sample* għalihom fil-laqgħa preċedenti u dan il-fanal kien se jitwaħħal fi Triq il-Knisja.

Is-Sindku qal li dawn il-fanali ma jistgħux jaqaw taħt il-fondi tal-Gal Xlokk, pero` nistgħu nutilizzaw il-fondi tal-UIF għalihom. Huwa kompla jgħid illi l-€15,000 li rbaħna nistgħu nutilizzawhom għal-Bidni.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-proġett li l-Kunsill kien se japplika għal Miżura 413.A5 fejn il-Kunsill jista` jottjeni sa massimu ta' €15,000 filwaqt li l-proġett kollu kien se jiġi jiswa madwar €25,000.

Is-Sindku qal illi l-Miżura 125 tal-Gal ġiet irtirata u se terġa toħroġ applikazzjoni oħra peress illi aħna ma kellniex *full time farmers* u għaldaqstant ser nerġgħu napplikaw fuq l-istess kriterji imma din id-darba ir-rekwiżit ta' *full time farmer* kien ser jitneħħa.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-6.10p.m***

Is-Sindku kompla jispjega illi aħna rbaħna diġa l-fondi mill-Gal Xlokk sabiex isir *embellishment* fil-Ġnien San Tumas, ser nerġgħu napplikaw għal Miżura 125 u hemm miżura oħra li applikaw għalija NGO's u f'każ li jirbħuhom jistgħu joħduhom il-każin tal-banda sabiex jirranġaw il-każin tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk nistgħux napplikaw għal-fondi tal-ERDF sabiex jitkompla l-Bidni.

Is-Sindku qal illi l-Bindi ilu proġettat li jsir u għaldaqstant m'għandniex għalfejn nistennew iktar la għandna l-fondi tal-Gal Xlokk.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nistgħu nonfqu €10,000 mill-fondi tal-Kunsill sabiex tintnefaq s-somma massima ta' €25,000 fejn parti mill-proġett se tkun tikkonsisti mir-*resurfacing* ta' parti minn Triq il-Bidni filwaqt li se jintefqu flus ukoll għal bankijiet ġodda, tindif u *embellishment.*

2.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri rrefera għal-punt # 7.1 ta' paġna 8 fejn staqsa jekk ġejniex infurmati illi tal-linja tas-7.00a.m għal-Bormla mhux se tibqa. Huwa żied jgħid illi x-xufiera diġa avżaw lill-passiġġiera u anke twaħħlu xi avviżi.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma ġiex avżat u għaldaqstant għandna niktbu lis-Sur Kevin Zahra u lis-Sur Ivan Vella, kif ukoll nikkupjaw lil Ministeru kkonċernat.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk konniex ktiebna lit-TM u jekk kellniex risposta min-naħa tagħhom sabiex jinħoloq pjan ġdid għal *traffic flow* aħjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi konna ktibna lit-TM pero` għad m'għandniex risposta.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar insista fuq punt # 3.10 ta' paġna 7 għaliex l-abbużi għadhom isiru minn xi ristoranti fejn qed joħorġu mwejjed u siġġijiet saħansitra sa ħdejn l-entratura ~~ta'~~ Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qablet li għandna nieħdu passi kontra min qed jagħmel l-abbuż.

Kien hemm qbil unanimu li għandhom jittieħdu l-passi neċessarji mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-preżent diġa jeżistu marki miżbugħa bl-isfar fil-kantunieri li kienu saru min-naħa tal-MTA liema marki kienu reġgħu inżebgħu mil-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li rridu nieħdu azzjoni mmdejata għaliex in-nies qed igergru ħafna. Huwa żied jgħid illi peress li l-imwejjed u s-siġġijiet qed jitpoġġew fil-bandli anke tipjip qed ikun hemm fil-bandli.

Is-Sindku qal illi aħna mill-*cameras* nafu minn qed jabbuża.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kemm il-darba ktibna lill-*Lands Department* kif ukoll lill-Pulizija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għandna ninfurmaw lill-Ministru responsabbli mill-*Lands Department* sabiex tittieħed azzjoni.

Is-Sindku qal illi l-abbużi jridu jinqatgħu pero`rridu noqgħodu attenti illi ma nkissrux lin-negozji jekk isiru l-*bollards* u huwa tal-fehma li nkellmuhom bil-kelma t-tajba.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet jekk hux legali li jsiru dawn il-*bollards.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-*bollards*idejalment ma jsirux pero` ma tantx jidher li hemm alternattivi oħra biex jinqata` dan l-abbuż.

Is-Sindku qal illi huwa tal-opinjoni illi jinżebgħu l-linji s-sofor minn fejn hemm il-kantunieri diġa miżbugħa u dan għandu jkun l-aħħar tentattiv li għandna nagħmlu sabiex jinqata` dan l-abbuż.

Abbużi to' dan Il-Kunsill qabel unanimament illi jinżebgħu dawn il-linji s-sofor u apparti tal-bandli jinżebgħu ukoll ta' Triq ix-Xatt u ta' quddiem it-Tiffany's liema linji sofor għandhom jinżebgħu kollha f'daqqa.

Is-Sindku qal li f'wieħed mill-ġurnali ħarġu stqarrija illi qalu li l-imwejjed u s-siġġijiet qed jissuġġerixxu illi jkunu taħt ir-responsabilta` tal-Kunsilli Lokali imma l-introjtu tagħhom idaħħalhom l-MTA.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fejn m'hemmx il-linji s-sofor jridu jiġu tal-*Lands Department* sabiex ikunu jistgħu jinżebgħu skond il-permess li s-sidien tar-restoranti jkollhom magħhom.

2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud nforma lill-Kunsilliera fuq paġna 4 punt #3.5 fejn qal illi se jibda dan il-proġġett u se jinqabdu 25 qattus, u jiġu mrewwija. Huwa staqsa jekk għandniex xi risposta fuq is-santwarju tal-qtates.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi konna ltaqjna mas-Sur Robert Cutajar min-Direttorat tal-*Animal Welfare* fejn aħna spjegajnilhu bin-neċċesita` ta' santwarju għal dawn il-qtates. Is-Sur Cutajar qalilna illi huwa jista` jressaq is-suġġerimenti tagħna għal dan is-santwarju u min-naħa tagħhom huma jistgħu jgħinuna billi jsiru xi *shows* bl-annimali lit-tfal sabiex nedukaw lin-nies.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Korrispondenza mingħand Dr. Luciano Busuttil għan-nom tas-Sur Anthony Mckay dwar allegat ħsara li ġarrab fil-vettura tiegħu waqt li kien għaddej fi Triq in-Nadur.</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi Dr. Luciano Busuttil għan-nom tas-Sur Anthony Mckay fejn il-klijent tiegħu kien qed jiklejmja s-somma għal ħsara li ġarrab fil-vettura tiegħu fi Triq in-Nadur. Huwa kompla jgħid illi f'laqgħa preċedenti l-Kunsill kien qabel illi meta jkollna klejms bħal dawn għandna nqabdu espert tat-traffiku sabiex ikun jistaċ jagħmel ir-rapport tiegħu u l-Kunsill kien qabbad lis-Sur Joseph Zammit.

Is-Sindku kompla jispjega illi s-Sur Joseph Zammit kien qed jirrinunzja għal din il-kariga ta' dan il-każ peress illi huwa għandu diġa każ ieħor mas-Sur Mckay u allura ddikjara konflitt ta' nteress.

Is-Sindku żied jgħid illi veru kien hemm ħofra f'din it-triq u aħna min-naħa tagħna ma stajniex nagħmluha minħabba li kien hemm problema bid-drenaġġ u allura qabel ma solvew il-problema tad-drenaġġ ma stajniex nagħtu l-*patching*. Huwa kompla jgħid illi ftit qabel din is-seduta s-Sur Mckay preżenta rċevuta tal-ħsarat li ġarrab.

Il-Kunsill qabel unanimament illi skond il-proċedura għandu jagħti 70% tal-ispjejjeż kif dejjem sar f'każi bħal dawn.

3.2 **Latrini Pubbliċi (35/5582/13/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienu saru spezzjonijiet fil-latrini fen kien ġie nnutat illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ma kienux qed jiġu osservati, fosthom kien hemm nuqqas ta' *toilet paper* u fil-latrini ma kienx qed ikun hemm *attendant skond ir-rekwiżiti ta' l-istess kuntratt.*

Huwa kompla jgħid illi kienet intbagħtet ittra fejn infurmajna lil Kuntrattur b'dawn in-nuqqasijiet u konna tajna żmien stipulat sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu solvuti, iżda wara li reġgħet saret spezzjoni f'dawn il-latrini reġa ġie innotat illi dawn in-nuqqasijiet baqgħu ma ġewx indirizzati. Fid-dawl ta' dan ħarġet *default notice* u kienu ser jitnaqqsu 5% mil-kont ta' Ottubru.

Il-Viċi Sindku qalet illi fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsill kien approva unanimament illi lil dan il-kuntrattur kellhom ikellmuh is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku għaliex dawn huma affarijiet amministrattivi u ma taqbilx mal-fatt illi dan il-kuntrattur ġie mistieden għal din il-laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qabel ma dak li qalet il-Viċi Sindku.

Is-Sindku wieġibha illi hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu kellmuh iżda n-nuqqasijiet baqgħu ma ġewx indirizzati u għaldaqstant il-Kunsill kollhu kellu jieħu deċiżjoni fuq dan l-aġir.

Is-Sur Cassar qal li meta ħalla t-*toilet paper* fil-latrini dejjem ġew misruqa u hu ma setgħax ikompli jpoġġi t-*toilet paper* għalxejn, huwa żied jgħid illi jekk il-Kunsill mhux kuntent bis-servizz tiegħu allura jirriżenja minn dan il-kuntratt.

Is-Sindku qallu li kieku dawn il-latrini kellhom *attendant* kif suppost kieku dawn l-abbużi ma kienux isiru jew almenu jitnaqqsu.

Is-Sindku beda jistaqsi lil Kunsilliera jekk għandhomx ilmenti fuq il-latrini. Beda biex jistaqsi lill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar, fejn hu wieġeb illi hu ma jridtx jikkumenta f'din il-laqgħa. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier lis-Sur Charlot Mifsud għall-ilmenti, fejn il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu kull meta kellu ilment dejjem kien kellem lill-Kuntrattur u bażikament l-ilment kienu l-istess li elenka is-Segretarju Eżekuttiv fl-ittra. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard ukoll qalet li kellha diversi lmenti. Wara s-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar fejn dawn ma kellhomx ilmenti. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar għall-ilmenti tiegħu, l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kull meta għamel *site inspection* qatt ma kien hemm *attendant* mal-latrini u b'dan il-att il-kuntratt ma kienx qed jiġi osservat. Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li l-ilmenti li sema` hu kienu l-istess li qed jiġu msemmija. Fl-aħħar tkellem il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri fejn hu bħala Kunsillier inkarigat mill-latrini kien għamel diversi *site inspections* fejn kien dejjem jiġi nnotat illi fil-latrini ma kienx qed ikun hemm *toilet paper,* nuqqas ta' sapun jew sapun mifqugħ bl-ilma u anke nuqqas ta' *attendant* mal-latrina.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sur Cassar tal-*maintenance* li kien jagħmel fil-latrini u anke dejjem iċċarġjana mill-inqas u talab lis-Sur Cassar jgħidilna jekk hux ser jirranġa n-nuqqasijiet tiegħu għaliex inkella ser tinqatalu 5% minn kull kont jekk jibqa` jikser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Is-Sur Cassar qal li huwa għamel il-massimu li seta`jagħmel pero` ma jistax jaderixxi mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt u għaldaqstant talab ir-riżenja tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-Kuntratt kien minn sena għal sena u jiġġedded sa massimu ta' tlett snin u l-iskadenza ta' l-ewwel sena hija fl-aħħar ta' Novembru 2013.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fit-*tender* hemm imniżżel li rridu navżawh minn xahrejn qabel u sakemm jiskadi ż-żmien mhux ser nilħqu noħorġu *tender* ieħor u staqsa jekk jistax il-kuntrattur jibqa` jagħti s-servizz tiegħu sa tlett xhur oħra sakemm noħorġu *tender* ieħor jew inkella sakemm jiġi aġġudikat it-tender li għad irid joħroġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk iż-żewġ partijiet jaqblu jista` jkun hemm estenzjoni taż-żmien.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona illi peress li suppost avżajnih minn xahrejn qabel, il-kuntratt għandu jibqa` effettiv sa l-aħħar ta' Jannar sakemm jinħareġ tender ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John. B Camilleri isekkondah. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.

Is-Sinjura Cassar qablet unanimament illi l-kuntratt jibqa` effettiv għal tlett xhur oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona illi bħala ġest min-naħa tal-kuntrattur li se jkompli joffri s-servizz tiegħu sakemm noħorġu kuntratt ieħor, il-5% li għandha titnaqqas mix-xahar ta' Ottubru titneħħa u ma tiġiex attwata.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt isekkondah. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.

Is-Sur Cassar irringrazzja lill-Kunsill u ħareġ mil-laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu ma jaqbilx illi kuntratt jiġi diskuss b'mod dirett mal-kuntrattur waqt laqgħa tal-Kunsill. għax dan imur kontra l-prinċipju ta' good governance.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qablet ma dak li qal il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li għandha tinbagħat imejl qabel.

Is-Sindku qal li b'dak li ġara għandu kuxjenza safja fuqhu u qal li dak li dejjem saħqu fuqu il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qaluh f'din il-laqgħa wkoll.

3.3 **<u>Informazzjoni mibgħuta minn Greenmt għal skart miġbur fis-sena 2013 (35/5389/13/I):</u>**

Is-Sindku stieden lis-Sur Joe Attard tal-Greenmt sabiex jispjega d-*data* tal-iskart riċiklat għas-sena 2013.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jixtieq jaraiktar ndafa madwar il-*bins tas-seperation.*

Is-Sindku qal illi s-Sur Joe Attard jibgħat xi persuni jduru b'van sabiex jitnaddaf madwar il-kontenituri tal-iskart riċiklat iżjed spiss, peress li dan is-servizz diġa sar.

3.4 **<u>Proposti mill-Greenpak u mill-Greenmt:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar iddikjara konflitt ta'nteress u talab sabiex ma jkunx parteċipi waqt din id-diskussjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jispjega illi peress li kuntratt mal-Greenmt kien wasal biex jiskadi s-Sindku flimkien miegħu u ħaddiema klerikali kien iltaqa` maż-żewġ kumpanji.

Huwa żied jgħid illi l-offerti ta' dan iż-żewġ kumpanija ma ġewx provduti waqt il-laqgħa iżda wara ftit ġranet li seħħet din il-laqgħa ġew personalment u iddepożitawhom fil-kaxxa tat-tender u nfetħu fil-preżenza tiegħu, tal-Assistent Prinċipal is-Sinjura Lucille Bonnici u tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.

Is-Sindku beda biex jispjega illi dawn l-aħħar erba` snin ħdimna mal-Kumpanija Greenmt u jista` jgħid illi imxejna ħafna l-quddiem f'dan is-servizz u dejjem sibna għajnuna minn din il-kumpanija.

Huwa kompla jgħid illi dejjem provdewlna l-boroż il-griżi sabiex jitqassmu lir-residenti u anke qed jinbidlu l-bankijiet ta' madwar ix-xatt bis-saħħa ta' skart żejjed li nġabar skond l-iskema. Huwa kompla jispjega illi kien iltaqa` maż-żewġ kumpaniji pero` huwa tal-opinjoni illi la aħna sodisfatti bis-servizz li għandna fil-preżent u l-kumpanija Greenpak ma offrewx iktar minn Greenmt m' għandniex għalfejn inbiddlu l-kumpanija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien iċċekja mad-Dipartiment tal-Kunsill Lokali fejn qal li ma jistax isir kuntratt ta' tlett snin imma l-kuntratt ikun għal sena u jiġġeddedminn sena għal'oħra sa massimu ta' tlett snin.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk dan joħroġx bħala *tender*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi dan ma joħroġx bħal *tender* imma d-Dipartiment kien ħareġ memo fejn kienet tgħid illi l-Kunsill jrid jiltaqa` mal-kumpaniji. Huwa kompla jgħid illi aħna bħala Kunsill apparti li ltqajna magħhom tlabnihom sabiex l-offerti tagħhom jiġu sottomessi wara li ssir il-laqgħa f'data stipolata.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk tistax issir tabella taż-żewġ offerti sabiex ikun jista` jikkompara bejn kumpanija u oħra għaliex hekk ma jistax jevalwa sew u jekk tittieħed votazzjoni jrid joqgħod fuq ir-rakkomdazzjoni tas-Sindku biss.

Is-Sindku qallu illi għalhekk jiġu provduti d-dokumeti neċessarji qabel il-laqgħa sabiex il-Kunsilliera jkollhom ċans jaraw id-dokumenti qabel.

Il-Viċi Sindku qalet illi jekk jittieħed vot hija ser tastjeni għaliex hi mid-dokumentazzjoni mhux qed tara differenza bejn kumpanija u oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri innota illi l-Greenpak kienu qed jofru illi waqt l-attivitajiet jkunu preżenti bi *stands* informattivi. Huwa żied jgħid illi l-Greenmt suppost kienu jagħmluha u fil-bidu kienu jkunu preżenti pero` ma baqgħux jattendu waqt l-attivitajiet.

Is-Sindku qallu illi n-nuqqas kien min-naħa tagħna għaliex ma konniex ninfurmawhom u ħa nota ta' dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-proposti tal-Greenmt m'hemmx imniżżel l-*administration fee* kif kien hemm imniżżel fil-kuntratt preċedenti ta' €30 kull ġimgħa.

Is-Sur Joe Attard qal li kienet ittieħdet deċiżjoni illi l-*administration fee* mhux ser tinħareġ iktar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-offerti tal-Greenmt hemm ukoll ir-reċipjenti tal-gazzetti ġodda li ma kienux issemmew fil-kuntratt preċedenti.

Is-Sur Joe Attard qal illi l-*istainless steel bins* kienu tawhomna huma u mhux minn xi tunnellaġġ li kien inġabar mill-lokalita` tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li fil-proposti tal-Greenpak hemm imniżżel illi l-iskart jinġabar darbtejn fil-ġimgħa u mhux darba bħal tagħna. Il-Kunsillier D Spiteri qal li fil-ħaż tal-Greenpak fil-proposta hemm li l-boroż jiġbruhom mill-kuntrattur stess fid-djar.

Is-Sur Joe Attard qal illi illum il-Gvern ħareġ il-*waste management plan* 2013-2014. Huwa żied jgħid illi huma għandhom 17-il Kunsill illi jinġabar darbtejn fil-ġimgħa u hu ser jissuġġerixxi illi l-iskart riċiklatt jibda jinġabar darba fil-gimgħa għaliex finanzjarjament ma jrendiex.

Is-Sindku ppropona illi nibqgħu bis-servizz tal-Greenmt għax dejjem kellna servizz tajjeb u anke meta tikkompara l-offerti ta' bejn iż-żewġ kumpaniji.

Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar isekkondata. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li qabel ma tittieħed votazzjoni jrid jagħmel dikjarazzjoni illi huwa ser jivvota biss fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku u mhux fuq l-evalwazzjoni li għamel hu. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 2 astensjonijiet.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar reġa daħal għal laqgħa***

3.5 **<u>Informazzjoni rigward PA2181/13 li tikkonċerna applikazzjoni għal tank tal-gas fi Triq ix-Xatt (35/5078/13/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi din l-applikazzjoni ġiet irtirata min-naħa tal-applikant.

3.6 **<u>Rati mibgħuta lilna mil-GO u Vodafone għat-telefon ċellulari għal-Kunsill (35/5340/13/I)(35/5265/13/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi kien ġab ir-rati mingħand il-GO u mingħand il-Vodafone għar-rati tal-telefon ċellulari kif kien mitlub fis-seduta preċedenti. Huwa kompla jgħid illi l-GO tawna daqsxejn rata aħjar.

Is-Sindku qal illi hu ma jistax ikun jibqa` jonfoq daqshekk fuq il-kont tat-telefon ċellulari tiegħu u hemm bżonn illi l-Kunsill jixtri dan it-telefon għalkemm huwa xorta kien jippreferi li jibgħat ammont fix-xahar u jibqa` bil-mobajl tiegħu milli jispiċċa b'żewġ mowbajls.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-memo tgħid illi il-mowbajl irid jibqa` għand is-Segretarju Eżekuttiv u jista` jintuża minn kullħadd u huwa ma jarax li hemm bżonn dan il-mowbajl meta fil-Kunsill stess għandna linja tal-mowbajl. Huwa żied jgħid illi meta nħadmet l-Onorarja tas-Sindku kien ġie nnutat ukoll illi s-Sindki jonfqu ammont konsiderevoli fit-telefonati ċellulari u għaldaqstant kienet saret proviżjoni tagħha meta nħadmet l-onorarja, infatti huma ingħataw iktar mill-Kunsilliera.

Is-Sindku qal illi fil-kas il-mowbajl inħalluh fil-*customer care* għal-użu ta' kullħadd.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi huwa ma jarax li hemm bżonn ta' dan il-mowbajl meta fil-Kunsill diġa teżisti linja tal-mowbajl u dawn ser ikunu spejjeż żejda.

Is-Sindku qabel u ssekondah li ma jinxtarax.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-mowbajl ma jinxtarax.

3.7 **Għajnuna Anzjani mingħand is-Sinjura Carmen Debono (35/5315/13/I):**

Is-Sindku qal li s-Sinjura Carmen Debono tieħu ħsieb l-anzjani tal-Caritas u serqulhom l-laptop u qed titlob lill-Kunsill jistax jagħtihom laptop.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ma jistax jixtrilhom laptop.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li peress li dan il-laptop jużawh għall-*lectures* nistgħu nitolbu lit-TCTC forsi jkollom xi laptop li jkunu jistgħu jofrulhom.

Il-Kunsill qabel li nistaqsu lit-TCTC.

3.8 **Rigward Triq tal-Gardiel u Triq La Sengle risposta mill-Enemalta (35/5649/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi għaddejjin bil-proċess tat-tarmak.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li Triq La Sengle ma sarietx kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kien sar *utility meeting* u min-naħa tal-Enemalta kienu infurmawh illi fi TriqLa Sengle għandha issir trinka minn Triq il-Bużbież sat Trigon Stationery, iżda trid toħroġ tender u għad fadal xhur.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk nafux minn fejn ser tgħaddi t-trinka jekk hux min-naħa ta' fejn hemm il-parkeġġ jew min-nofs.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt din il-laqgħa hu kien staqsihom pero` qalulu illi f'dan l-istadju ma jistgħux jgħidulu minn fejn ser jgħaddu t-trinka.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qak li fi Triq La Sengle hemm partijiet ħżiena ħafna għax it-triq niżlet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta jiġri hekk ikun mar il-*base* u jkun hemm bżonn li jsir *rebuilding* u meta jiġri dan suppost issir min-naħa tal-Gvern Ċentrali, bħal ma ġara ukoll fi Pjazza Dun Tarcis Agius.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li jekk hu possibli nagħmlu tabelli ta' *no excess to heavy vehicle expect to render service.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu lit-TM għal approvazzjoni ta' dawn it-tabelli.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-*patching* ta' Triq il-Gross ser jibda dalwaqt u r-*resurfacing* ta' Triq tal-Gardiel jitkompla wara.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li Triq iż-Żonqor quddiem il-kappella niżlet it-triq ukoll.

3.9 **Proposti mill-Perit rigward traffic flow fi Triq il-Kavallieri ta' Malta u Triq il-Granmstri u toroq oħra(35/5403/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pjanta mill-Perit rigward *traffic management* ta' Triq il-Kavallieri ta' Malta, Triq il-Granmastri u toroq tal-madwar.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi Triq is-Sallur għanda ssir *two way.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi Triq tal-Gardiel tibqa`*one way* kif inhi fil-preżent, Triq is-Sallur tiġi *two way,* Triq il-Granmastri tiġi *one way* minn Triq in-Nadur u Triq il-Kavallieri ta' Malta tiġi *one way* minn Triq il-Qaliet. Il-Kunsill qabel ukoll illi għalissa jiġu kkunsidrati dawn it-toroq biss, filwaqt illi t-toroq l-oħra jiġu diskussi iktar il-quddiem.

Il-Kunsill qabel li dawn il-proposti jintbagħtu lit-Tmalta għal evalwazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa kif bqajna fuq Triq ix-Xmiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li jrid isir *survey.*

3.10 **Stima għal software li jaħdem il-pagi tal-Kunsill skond kif kien ġie ssuġerit lilna mill-Awditur għal Gvern Ċentrali (35/5391/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta kwotazzjoni sabiex nimplimentaw sistema kompjuterizzata ta' kif jinħadmu l-pagi. Huwa żied jgħid illi din is-sistema se tiġi tiswa €580 u kull sena jridu jsiru aġġustamenti fis-sistema li tiswa €235.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-*update* ser jiswina daqs nofs is-sistema u din ser tkun spiża għal kull sena.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niċċekjaw iktar *softwares* li hawn.

3.11 **Invoice mil-Ex Accountant ta' l-informazzjoni li ta lil accountant il-ġdid:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud iddikjara konflitt ta' interess u talab sabiex ma jkunx parteċipi waqt din id-diskussjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi dan il-kont li jammonta għal €604.16 huma fuq affarijiet illi l-*Accountant* kellu jirranġa mir-rapport tal-*management letter* li kienu ħarġu l-Awdituri.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-pagament ma jitħallasx.

3.12 **Korrispondenza dwar il-kundizzjoni ħażina li tinsab fiha parti mit-triq quddiem il-bandli:**

Is-Sindku qal illi rċevejna ilment mingħand is-Sinjura Mariella Tabone fejn bagħtitilna imejl flimkien ma sett ta' ritratti li juri tbenġil minn aċċident li sofrit waqt li kienet għaddejja bir-rota fi Triq ix-Xatt.

Is-Sindku kompla jgħid illi dan l-ilment tressaq għand il-Ministeru kkonċernat sabiex din il-parti tat-triq issir mil-gvern ċentrali peress li kienet marret mil-bażi tat-triq.

3.13 **Korrispondenza mil-Flimkien għal Ambjent Aħjar rigward informazzjoni fuq Ġnien San Tumas:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva telefonata mingħand rappreżentant ta' ma dan il-grupp rigwardfejn ried jara l-pjanti ġodda ta' Ġnien San Tumas fil-preżenza ta' xi residenti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi wara li kienu saru l-konsultazzjonijiet neċessarji, il-pjanti ser ikunu mwaħħlin fuq *board* ftit qabel ma jibda l-proġett.

3.14 **Rikors Numru 336/2007: Kunsill Lokali Marsaskala et vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar(35/5397/13/I) (35/5539/13/I):**

Is-Sindku beda biex jispjega illi filgħodu kien ikkomunika mal-Avukata tagħna fuq dan il-każ fejn hi spjegatlu illi meta tkun kawża bħal din il-Kunsill ma jkunx jista` jiftaħ kawża waħdu u għaldaqstant is-Sur Joseph Sant, is-Sur Paul Cutajar u s-Sur Lorry De Raffaele kienu fetħu l-kawża mal-Kunsill. Huwa żied jgħid illi l-Awditur Ġenerali bgħatilna kont ta' €1764.45 diviż bejn l-erba` partijiet sabiex kull parti tħallas is-somma ta' €441.11 minħabba il-fatt illi l-kawża tlifniha.

Is-Sindku kompla jgħid illi rċivejna ittra mingħand dawn it-tlett persuna fejn kienu qed jirrinunzjaw illi jħallsu l-parti tagħhom u jħallasha kollha il-Kunsill.

Huwa żied jgħid illi l-parir tal-Avukata tal-Kunsill kien illi nfittxu fil-minuti tal-Kunsill sabiex naraw x'deċiżjoni kien ħa rigward dan il-każ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi għalkemm dawn it-tlett persuni oġġezzjonaw f'isimhom dawn xorta kienu qed jirrappreżentaw il-Kunsill u mhux lilhom personalment u dan peress li l-Kunsill waħdu ma setax jiftaħ din il-kawża u allura dawn it-tlett persuni servew biex il-Kunsill ikompli miexi bil-każ in kwistjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nfittxu fil-minuti tal-Kunsill u naraw x'deċiżjonijiet kien ħa l-Kunsill rigward dan il-każ u għalissa dan il-kont ma jitħallasx.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li f'xi ġurnal qara illi l-impjant tar-riċiklaġġ ser jikber b'40%.

3.15 **Rikors Numru 12/2009: Kunsill Lokali Marsaskala vs Water Services Corporation (35/5219/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-Kunsill kien irrinunzja għal din il-kawża rigward Triq Sant'Anna u għaldaqstant l-~~Awditur~~ Avukat Ġenerali qed jibgħatilna kont ta' €670.08 għal-ispejjeż legali ta' din il-kawża.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħallsu dan il-kont.

3.16 **Ittra ta Riżenja tas-Sinjorina Mary Rose Sofia (35/5676/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi din l-impjegata kienet qed titlob għar-riżenja tagħha, huwa kompla jispjega illi l-kuntratt tagħha kien a bażi illi jibqa`sakemm iż-żewġ impjegati li kellna fuq il-*maternity leave* jerġgħu jirritornaw lura għax-xogħol. Huwa kompla jispjega illi waħda diġa rritornat lura u l-oħra ser tirritorna lura f' Jannar 2014.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li xorta għandna problema minħabba l-fatt illi l-Kunsill għandu tlett impjegati jaħdmu bir-*reduced hours.*

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet li mis-seminar li kienu attendew hi u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar kienu qalu illi huma jistgħu joffru servizz ta' skrivana għal sena bla ħlas.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li nistgħu ningaġġaw persuna oħra *part time* minflokk is-Sinjorina Mary Rose Sofia u taħdem wara nofs in-nhar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien diġa ċċekja mad-Dipartiment jekk nistgħux noħorġu sejħa oħra għal *part timer* u d-dipartiment verbalment qallu li ma għandiex tkun problema.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk niksbu l-approvazzjonni min-naħa td-Dipartiment noħorġu sejħa tal-*part timer.*

3.17 **<u>Korrispondnza mill-Lands Department dwar permess għall-imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment Coxswain's Cabin fi Triq ix-Xatt (35/5666/13/I):</u>**

Il-Kunsilliera raw il-pjanta rigward dan il-permess.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li fil-passaġġ hemm konok bis-sigar u ser tillimita l-passaġġ minn fejn tgħaddu persuna bi bżonnijiet speċjali jew persuna b'*pushchair*.

Is-Sindku qallu illi dawn il-konok qegħdin matul Triq ix-Xatt kollhu u kien hemm stabbilimenti oħra li konna tajnihom diġa il-permess tal-imwejjed u siġġijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma noġġezzjonawx għal-permess tal-imwejjed u siġġijiet.

3.18 **<u>Grupp Show of Arms waqt l-Attivita tal-Iljieli Skalin (35/5687/13/I):</u>**

Is-Sindku beda biex juri d-disapprovazzjoni lejn dan il-grupp bil-mod ta' kif aġġexxew magħna. Huwa beda jispjega illi waqt li hu ma kienx preżenti ħdejn it-Torri rċieva telefonata sabiex jinżel ħdejn it-torri għaliex dan il-grupp tas-*show of arms* riedu jpoġġu fil-post ta' fejn kien hemm diġa l-grupp tal-Wirt Artna. Huwa kompla jgħid illi offrewlhom post alternattiv fejn jistgħu jesibixxu u anke offrilhom illli sena oħra jarmaw huma fejn iridu.

Is-Sindku kompla jgħid illi dan il-grupp abbanduna l-attivita` u saħansitra ġabu lil Pulizija sabiex jiċċekjaw il-permess tal-armi tal-gruppi l-oħra.

Is-Sindku saħaq li dan l-aġir m'huwiex aċċettabli meta seta` sar ftehim faċilment. Huwa kompla jgħid illi dan il-grupp għandu xi ftehim mal-kumitat tar-Rihama meta ir-Rihama għada lanqas ġiet devoluta lilna u lanqas għadu sar ftehim bejn il-Kunsill u bejn il-kumitat tar-Rihama dwar dan il-grupp. Huwa kompla jisħaq illi kull fejn ikun hemm dan il-grupp il-Kunsill ma għandux jipparteċipa wara dan l-aġir min-naħa tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu illi ser issir *Medieval Banquett* ġewwa r-Rihama u aħna kellna nipprovdulhom għat-*toilets* u staqsa jekk hux ser nħallsu għal din l-attivita`.

Is-Sindkuqal li diġa tajnijhom il-kelma illi ser nipprovdulhom it-*toilets* mhux ser nerġgħu lura mill-kelma tagħna.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma għandiex niltaqgħu ma' dan il-Grupp wara li talbu laqgħa magħna, u dan peress li dak li sar issa laħaq sar.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta*invoice* li daħlu iktar kmieni rigward l-Iljieli Skalin mingħand Legio X Frentses.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħallsu dan il-pagamenti.

4.2 Is-Segretarju preżenta żewġ *invoices* li daħlu iktar kmieni rigward it-trasport għal Xarabank mingħand *Swallow Garage*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħallsu l-pagamenti ppreżentati fl-iskeda.

**Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ppropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienxhemm l-ebdamistoqsija.

6.0 ***Mozzjonijiet:***

6.1 **Mozzjonimressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri(#040 – 7/10/13):**

*"Jipproponi sabiex titwaħħal bozza ġdida fi Triq ta' Rumi wara l-Kappella".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi titwaħħal din il-bozza.

6.2 **Mozzjonimressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar (#041 - 15/10/13):**

*"Jipproponi li l-Kunsill jitlob is-sapport tal-Ministeru għat-Turiżmu, il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar u l-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex il-lokalità ta' Marsaskala tiddaħħal fir-rotta tal-Hop-On Hop-Off bus service. Tali inklużżjoni f'din ir-rotta popolari għandha twassal biex jiżdiedu n-numru ta' turisti li jersqulejn il-lokalità tagħna kif ukoll għal aktar attività ekonomika u xogħol għad-diversi intrapriżi żgħar li għandna f'Marsaskala. Nipproponi wkoll li l-Kunsill tagħna għandu jiftaħ diskussjoni mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar sabiex jiġi explorat kif iż-żewġ Kunsilli jistgħu jaħdmu flimkien fuq din l-inzjattiva".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-Ministru ikkonċernat u l-Kunsill Lokali Żabbar.

6.3 **Mozzjonimressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (#042 – 16/10/13):**

*"Jipproponi li l-Kunsill jitlob laqgħa ma' l-Enemalta sabiex jiġi diskuss l-EIA li għadu kif ġie ippreżentat għall-power station il-ġdida li ħa taħdem bil-gass".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-Enemalta sabiex niffissaw data għal laqgħa.

6.4 **Mozzjonimressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (#043 – 16/10/13):**

*"Jipproponi sabiex abbażi tal-pariri mogħtija mill-espert inkarigati mill-istess Kunsill u mill-Kunsilli ta' Marsaxlokk, iż-Żejtun u Birżebbuġia u fl-istess linja li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ħa fi snin li għaddew kif espresso f'numru ta' dikjarazzjonijiet u konferenzi għall-istampa, il-Kunsill Lokali Marsaskala jesprimi n-nuqqas ta' qbil mad-deċiżżjoni meħudha dan l-aħħar mill-MEPA sabiex testendi ż-żmien tal-użu tal-Heavy Fuel Oil biex tinħadem l-aħħar estensjoni tal-Power Station (BWSC) ta' Delimara.*

*Fid-dawl ukoll li hu magħruf li dawn il-magni jistgħu jitħaddmu bid-diesel b'mod immedjat u mingħajr ħtieġa ta' aġġustament.*

*L-anqas li l-Kunsill jistenna mill-Awtoritajiet ikkonċernati huwa konferma li l-emissjonijiet ta' din l-estensjoni ma huma ta' l-ebda periklu għas-saħħa tan-nies.*

*Għalhekk il-Kunsill Lokali Marsaskala jħeġġeġ lill-Awtoritajiet kkonċernati sabiex b'mod immedjat jibdew iħaddmu l-impjant bid-diesel sakemm, eventwalment, jibda jitħaddem imbagħad bil-gass."*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi dawn l-ewwel għandhom jitnaddfu u l-proċess jieħu fit-tul u bażikament jkun laħaq wasal iż-żmien biex jinqelbu bil-gass.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna bħala Kunsill qatt ma konna ikkonsultati. dwar il-powerstation tal-heavy fuel oil.

Din il-mozzjoni tressqet għal vot. Il-votazzjoni kienet 3 favur, 6 kontra u 0 astenzjoni.

Għaldaqstant din il-mozzjoni ma għaddietx.

7.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.***

7.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri informa lill-Kunsilliera illi l-attivita` tal-*Move in* kienet suċċess u ħadu sehem 30 parteċipant.

8.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fil-11.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2013 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku